

# L-istat tan-nazzjon

**Konferenza Nazzjonali**
Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru 2026
Palazz Sant'Anton

L-istat tan-nazzjon

# L-istat tan-nazzjon

**Prof. Vincent Marmarà**
B.Sc.(Hons)(Melit.), M.Sc.(Sheff.) Statistics, Ph.D.(Stir.), FRSS, KLJ
Statistiku u Professur Assoċjat fl-Università ta' Malta

# L-għanijiet prinċipali

- Din il-konferenza nazzjonali se tibda bi stħarriġ xjentifiku fost iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.
- Għal dan l-istudju qed nikkunsidraw iċ-ċittadini Maltin.
- Irridu nifhmu aħjar min hu l-poplu Malti u Għawdxi.
- Nifhmu aħjar dak li l-poplu jemmen, dak li jiddefinixxih u dak li jifforma l-prinċipji tiegħu.
- L-interess prinċipali mhux l-opinjoni tan-nies fuq ħaġa jew oħra iżda fuq dak li hemm aktar fil-fond u li jsawwar l-opinjonijiet tal-poplu.

# L-għanijiet prinċipali

- Se nħarsu lejn dak li jiddefinixxi lill-poplu minn diversi aspetti fosthom:
  1. Ir-reliġjon
  2. Il-kultura
  3. L-impjieg
  4. L-għażliet li jagħmel ta' kuljum
  5. Id-drittijiet
  6. Il-politika
  7. L-aspett finanzjarju
  8. Il-valuri u diversi aspetti oħra

Dan kollu se nħarsu lejh mil-lenti taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-ħaddiema u ta' ċittadini minn inħawi differenti, u ta' ħafna gruppi oħra li jikkaratterizzaw il-popolazzjoni kollha ta' Malta.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija

- Dan l-istudju jikkonsisti f'kampjun ta' 1,064 persuna minn 16-il sena 'l fuq. Hekk naċċertaw li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun qrib il-fatti. Fil-fatt il-*margin of error* huwa ta' +/-3%. Il-kampjun inġabar bejn it-tielet ġimgħa ta' Ġunju u t-tieni ġimgħa ta' Lulju ta' din is-sena.
- Aċċertajna li l-kampjun intgħażel b'mod li jirrifletti d-demografija tal-pajjiż biex b'hekk anke l-vuċi ta' dak li jiddefinixxi l-istat tan-nazzjon ikun jaqbel b'mod eżatt.
- L-istudju ta' ħames snin ilu sar fi żmien meta l-pandemija kienet fil-qofol tagħha u kien hemm diversi restrizzjonijiet imposti b'mod speċjali fir-rigward tal-attività soċjali. Barra minn hekk, tajjeb wieħed jinnota li l-istudju ta' erba' snin ilu sar ftit żmien wara l-Elezzjoni Ġenerali. L-istħarriġ tal-2023 sar fi żmien meta nistgħu ngħidu li l-pajjiż mar għal ċerta normalità totali. L-istħarriġ ta' sentejn ilu sar fi żmien meta l-ġbir tal-kampjun sar waqt il-kampanja elettorali tal-Parlament Ewropew, f'Mejju 2024. Filwaqt li fis-sena 2025, il-pajjiż reġa' lura għal ċerta normalità. Bħas-sena 2022, din is-sena l-istħarriġ sar ftit żmien wara l-Elezzjoni Ġenerali. Dawn il-fatturi kollha ħallew influwenza fuq diversi riżultati.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

# Tippjana ħajtek?

Ta’ min jinnota li mis-sena 2021 sa 2024 in-nies li qalu li jippjanaw il-ħajja tagħhom kienu qegħdin jonqsu. Fis-sena 2025, reġa’ kien hemm daqsxejn żieda f’dawk in-nies li qalu li qed jippjanaw ħajjithom. Din is-sena, dan il-proporzjon baqa’ fl-istess livell.




L-istat tan-nazzjon

# Tippjana ħajtek?







L-istat tan-nazzjon

# Il-kuntentizza b'ħajtek

Fis-sena 2026 rajna tnaqqis ta' 4.2% ta' dawk li qalu li huma kuntenti b'ħajjithom (67.9%).




L-istat tan-nazzjon

# Suċċessi f'ħajtek

Is-snin 2025 u 2026 huma l-aktar snin li n-nies qalu li jħossu li rnexxew f'ħajjithom (73.9% u 73.3%).



# Suċċessi f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

Tul dawn l-aħħar tliet snin qed nosservaw żieda f'dawk li qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (39.1% - 2023 għal 52.3% - 2026). Din is-sena qed naraw żieda ta' 5.3% f'dawk li qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena.

Taħseb li fi żmien sena tkun qed tgħix aħjar mil-lum?




L-istat tan-nazzjon

# Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?







L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

- In-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ ġew preżentati b'dawn li ġejjin u huma kellhom jgħidu ma' min jiddiskutu l-problemi tagħhom:
  - Ħbieb
  - Il-familja li tgħix magħha
  - Il-familja li ma tgħixx magħha
  - Professjonisti bħal counsellors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u ħaddiema soċjali
  - Kollegi tax-xogħol

- In-nies ifittxu l-għajnuna l-aktar mingħand il-familja li jgħixu magħha (57.0% ta' dawk li wieġbu qalu li dejjem jiddiskutu l-problemi tagħhom mal-familja li jgħixu magħha). Minkejja dan, qed naraw tnaqqis minn sena għall-oħra.
- In-nies ifittxu l-inqas għajnuna mingħand il-kollegi tax-xogħol (fis-sena 2026, 62.3% ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li huma qatt ma jfittxu għajnuna rigward il-problemi tagħhom mingħand kollegi tax-xogħol).

L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

**Ħbieb**

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 2.7% | 10.1% | 13.3% | 9.3% | 11.3% | 10.3% |
| Kważi dejjem | 5.7% | 16.6% | 10.8% | 14.7% | 11.7% | 15.2% |
| Ġieli iva u ġieli le | 39.3% | 26.1% | 26.2% | 32.5% | 32.3% | 27.4% |
| Rari | 21.9% | 16.3% | 21.0% | 17.9% | 18.2% | 16.0% |
| Qatt | 30.3% | 30.9% | 28.7% | 25.5% | 26.4% | 31.2% |

**Il-familja li tgħix magħha**

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 71.4% | 59.6% | 68.8% | 66.8% | 61.6% | 57.0% |
| Kważi dejjem | 23.5% | 21.4% | 13.2% | 13.8% | 16.5% | 18.4% |
| Ġieli iva u ġieli le | 2.6% | 5.8% | 6.8% | 10.5% | 13.0% | 11.8% |
| Rari | 1.2% | 3.0% | 5.1% | 4.1% | 2.9% | 2.3% |
| Qatt | 1.3% | 10.2% | 6.2% | 4.8% | 6.0% | 10.5% |

**Il-familja li ma tgħixx magħha**

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 1.1% | 19.7% | 33.0% | 29.7% | 17.9% | 22.3% |
| Kważi dejjem | 23.7% | 29.5% | 14.7% | 14.7% | 20.5% | 20.3% |
| Ġieli iva u ġieli le | 38.3% | 17.6% | 13.9% | 21.5% | 26.3% | 23.4% |
| Rari | 22.9% | 9.6% | 15.9% | 13.8% | 15.5% | 11.2% |
| Qatt | 14.0% | 23.6% | 22.5% | 20.3% | 19.9% | 22.8% |

L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

**Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers**

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 0.0% | 5.1% | 8.4% | 3.5% | 4.3% | 8.1% |
| Kważi dejjem | 0.0% | 4.6% | 5.0% | 3.2% | 5.8% | 8.0% |
| Ġieli iva u ġieli le | 15.8% | 16.9% | 17.0% | 18.6% | 25.4% | 14.9% |
| Rari | 21.1% | 13.0% | 15.6% | 20.5% | 15.8% | 14.1% |
| Qatt | 63.1% | 60.3% | 53.9% | 54.2% | 48.7% | 54.9% |

**Kollegi tax-xogħol**

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 0.2% | 1.6% | 5.2% | 1.9% | 1.8% | 1.9% |
| Kważi dejjem | 0.6% | 4.2% | 4.2% | 4.6% | 4.5% | 3.1% |
| Ġieli iva u ġieli le | 10.6% | 7.7% | 19.0% | 17.4% | 20.2% | 16.9% |
| Rari | 23.0% | 12.0% | 15.6% | 11.7% | 15.8% | 15.7% |
| Qatt | 65.7% | 74.5% | 56.0% | 64.4% | 57.7% | 62.3% |

L-istat tan-nazzjon

# L-għażliet importanti fil-ħajja

L-għażliet importanti f'ħajtek inti tagħmilhom (tista' timmarka aktar minn waħda):

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Waħdek | 56.7% | 56.6% | 50.9% | 45.5% | 48.4% | 53.1% |
| Flimkien mal-membri tal-familja tiegħek | 82.6% | 73.5% | 75.6% | 76.4% | 76.4% | 74.1% |
| Mal-ħbieb | 5.9% | 8.3% | 5.1% | 10.3% | 7.9% | 11.6% |
| Mal-kollegi tax-xogħol tiegħek | 1.0% | 1.2% | 1.0% | 2.0% | 1.4% | 2.3% |
| Mal-professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers | 1.7% | 1.7% | 1.2% | 1.1% | 2.6% | 2.8% |
| Skont x'naħseb li titlob is-soċjetà mingħandi | 0.5% | 1.4% | 1.7% | 1.6% | 1.5% | 2.2% |

In-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ semmew il-**familja (iż-żwieġ jew it-tfal)** u **l-karriera** bħala l-aktar żewġ għażliet importanti li għamlu.

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Waħdek | 89.3% | 44.9% | 48.1% | 50.0% | 46.2% | 52.7% |
| Flimkien mal-membri tal-familja tiegħek | 73.3% | 79.1% | 69.4% | 75.3% | 79.0% | 70.7% |
| Mal-ħbieb | 41.3% | 16.9% | 5.0% | 8.2% | 5.1% | 4.5% |
| Mal-kollegi tax-xogħol tiegħek | 6.7% | 2.0% | 3.5% | 1.1% | 1.0% | 1.0% |
| Mal-professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers | 1.3% | 5.9% | 2.7% | 2.7% | 0.5% | 2.6% |
| Skont x'naħseb li titlob is-soċjetà mingħandi | 4.0% | 1.6% | 4.7% | 1.1% | 0.5% | 1.6% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell tal-għajxien

L-istat tan-nazzjon

# Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

Il-maġġoranza tan-nies jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa. Dawk li qalu li qed jiġu mħarsa żdied b'5.7% meta mqabbel mas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Il-livell tal-għajxien

Ix-xenarju huwa simili għal dak tas-snin preċedenti. Tlieta minn kull erbgħa persuni jgħidu li jqisu l-livell tal-għajxien tagħhom bħala wieħed medju, filwaqt li 17.1% jqisuh ogħla mill-medja u 6.8% jqisuh taħt il-medja.




L-istat tan-nazzjon

# Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

Il-maġġoranza tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom baqgħet l-istess meta mqabbla ma' sena ilu (46.0%). Min-naħa l-oħra, 40.8% qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar, filwaqt li 13.2% qalu li marret għall-agħar. Interessanti li wieħed jinnota li, minn sena għal oħra, qed naraw żieda fost dawk li jgħidu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar.




L-istat tan-nazzjon

# Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

Skont l-età: Kif inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek illum meta mqabbla ma’ dik ta’ sena ilu?




Skont id-distretti: Kif inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek illum meta mqabbla ma’ dik ta’ sena ilu?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3: Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

# Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '5'):

| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| – Id-dħul mill-impjieg tiegħek | 2.17 | 2.30 | 2.53 | 2.30 | 2.27 | 2.46 |
| – Is-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol | 2.24 | 2.33 | 2.40 | 2.41 | 2.39 | 2.37 |
| – Sigurtà/garanzija ta' impjieg | 2.69 | 3.30 | 3.13 | 3.31 | 3.31 | 3.17 |
| – Flessibbiltà tas-sigħat | 3.71 | 3.56 | 3.47 | 3.41 | 3.51 | 3.51 |
| – Apprezzament fuq il-post tax-xogħol | 4.19 | 3.46 | 3.47 | 3.57 | 3.52 | 3.49 |

- "Is-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol" huwa l-aktar fattur importanti fis-sena 2026. Ir-riżultati huma simili għal dawk tas-snin ta' qabel.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

# It-twemmin f'Alla

Il-maġġoranza assoluta ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li huma jemmnu f'Alla (90.5%). Kienu biss 5.6% tan-nies li qalu li ma jemmnux f'Alla. Filwaqt li 3.9% tan-nies qalu li ma jafux.




L-istat tan-nazzjon

# It-twemmin f'Alla










L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

Meta tħares lejn ir-riżultati ta' dawn is-sitt snin, ir-riżultati huma simili ħafna. Sebgħa u ħamsin fil-mija ta' dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom (57.0%). Għal ftit aktar minn tletin fil-mija tan-nies, ir-reliġjon mhix daqshekk importanti f'ħajjithom (32.5%). Filwaqt li għal ftit aktar minn tmienja fil-mija, ir-reliġjon mhi importanti xejn f'ħajjithom (8.7%).




L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

Skont is-sess: Kemm hija importanti r-reliġjon għalik?




Skont l-età: Kemm hija importanti r-reliġjon għalik?




Skont il-livell tal-edukazzjoni: Kemm hija importanti r-reliġjon għalik?




L-istat tan-nazzjon

# Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

Iktar minn wieħed u erbgħin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ fl-2026 qalu li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin. Erbgħin fil-mija tan-nies ma jikkunsidrawx daqstant ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin. Filwaqt li 17.6% tan-nies assolutament ma jikkunsidrawx ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.




L-istat tan-nazzjon

# Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

Skont is-sess: Kemm tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin?




Skont l-età: Kemm tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin?




Skont il-livell tal-edukazzjoni: Kemm tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità u l-lingwa

# Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?

Ta’ min jinnota li sas-sena 2023 kien qed ikun hemm żieda f’dawk li qalu li huma jħossu li jagħmlu parti l-aktar mill-Ewropa (11.2% fl-2021 vs 20.6% fl-2022 vs 25.3% fl-2023). Madankollu kien hemm tnaqqis fis-sena 2024 ghal 20.5%, 2025 tnaqqis għal 16.3% u kompla jonqos għal 12.9% fis-sena 2026. Dan jista’ jkun minħabba ċerti deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta’ diversi temi, inklużi l-gwerer li għaddejjin bħalissa.




L-istat tan-nazzjon

# Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?







L-istat tan-nazzjon

# Tixtieq li twelidt u trabbejt f’pajjiż ieħor?

Il-maġġoranza tal-Maltin li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li huma ma jixtiqux li kieku twieldu f’pajjiż ieħor (76.7%). Kienu ftit aktar minn tmintax fil-mija tan-nies li qalu li huma jixtiequ li kieku twieldu f’pajjiż ieħor (18.4%). Filwaqt li 5.0% tan-nies qalu “ma nafx”.



# Tixtieq li twelidt u trabbejt f'pajjiż ieħor?







L-istat tan-nazzjon

# Il-lingwa primarja

L-aktar lingwa kkunsidrata bħala l-lingwa prinċipali tal-Maltin hija l-Malti (75.6%). Huma 2.3% tan-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ li qalu li l-Ingliż huwa l-lingwa primarja tagħhom. Aktar minn għoxrin fil-mija tan-nies iqisu kemm il-Malti u kemm l-Ingliż bħala l-lingwi primarji tagħhom (21.7%). Is-sitwazzjoni hija waħda simili għas-snin ta' qabel




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6: Il-politika

# L-importanza tal-politika f’ħajtek

Konna qed naraw tnaqqis f’dawk in-nies li qalu li l-politika hija importanti ħafna f’ħajjithom (48.3% fl-2021 vs 37.9% fl-2022 vs 37.4% fl-2023 vs 33.7% fl-2024 vs 30.8% fl-2025). Madanakollu, rajna żieda marġinali ta’ 1.4% fis-sena 2026. Barra minn hekk, din is-sena kien hemm tnaqqis f’dawk li qalu li ma tinteressahom xejn il-politika għal 26.2%. Dan jista’ jkun minħabba li għadna kif ħriġna minn Elezzjoni Ġenerali.




L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tal-politika f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

Madwar terz tan-nies qalu li jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi skont l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (żieda fuq is-sena l-oħra). Barra minn hekk, 37.5% ta' dawk li wieġbu qalu li ma jiħdux deċiżjonijiet skont kif jaħsibha partit politiku (tnaqqis ta' madwar erba' punti perċentwali meta mqabbel mas-sena l-oħra). Mill-ġdid qed naraw sitwazzjoni simili għal dik tal-2022, meta wkoll kienet saret elezzjoni ġenerali.




L-istat tan-nazzjon

# L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

Skont l-età: Meta tasal għall-opinjoni tiegħek dwar diversi temi differenti, tikkunsidra l-opinjoni tal-partit politiku li temmen fih inti?




Skont il-livell tal-edukazzjoni: Meta tasal għall-opinjoni tiegħek dwar diversi temi differenti, tikkunsidra l-opinjoni tal-partit politiku li temmen fih inti?




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Fil-passat, ftit aktar minn sittin fil-mija tal-Maltin dejjem ivvutaw għall-istess partit (60.2%). Huma 39.8% tan-nies li ġieli vvutaw għal partit differenti fil-passat. Mill-2024 'il quddiem dejjem qed naraw tnaqqis fl-ammont ta' nies li qalu li dejjem ivvutaw għall-istess partit.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Fl-istħarriġ tal-2026 ħareġ li huma 44.6% tan-nies li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur. Din hija l-aktar sena fejn in-nies qalu li lesti jivvutaw għal partit ieħor fil-futur. Minn sena għal oħra, qed naraw żieda kontinwa f'dan il-perċentwal.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot







L-istat tan-nazzjon

# L-ideat tiegħek u l-politika

Fis-sena 2026, ftit aktar minn tliet kwarti tal-Maltin qalu li jidentifikaw ruħhom ma' partit politiku li jaqbel mal-ideat tagħhom (75.2%). Ir-riżultati għal dawn l-aħħar 5 snin huma konsistenti ħafna.




L-istat tan-nazzjon

# Pjaċiri mingħand politiċi

Aktar minn tletin fil-mija tan-nies qalu li huma ġieli marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (31.1%). L-Għawdxin huma l-aktar li marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (37.4%).







L-istat tan-nazzjon

# Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

Aktar minn ħamsa u ħamsin fil-mija ta’ dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li ma jaqblux mal-frażi: *Iż-żewġ partiti l-kbar huma l-istess*. Dan ifisser li l-maġġoranza tan-nies tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ partiti l-kbar.

Hawn min jgħid li ż-żewġ partiti l-kbar huma l-istess. Kemm taqbel ma’ din il-frażi?



# Il-vot fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss

Ftit inqas minn tmenin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma se jivvutaw fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss (79.5%). Huma biss 5.0% tan-nies li qalu li mhux se jivvutaw filwaqt li 15.5% tan-nies għadhom indeċiżi.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

# Rappurtar ta’ aħbarijiet li jinteressawk

Kważi ħamsin fil-mija tan-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li l-midja Maltija ‘la ħafna u lanqas xejn’ tirrapporta u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (49.3%). Aktar minn wieħed u għoxrin fil-mija tan-nies qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u ma tiddiskutix suġġetti li jikkonċernawhom (21.8%). Kienu 22.1% tan-nies li qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom. Meta nqabblu dan ir-riżultat mas-sena ta’ qabel, naraw li s-sitwazzjoni baqgħet simili għal dik tas-sena l-oħra.

Taħseb li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilek?




L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

It-televiżjoni u l-links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook baqgħu l-aktar mezzi segwiti biex in-nies isegwu l-aħbarijiet. Ta' min jinnota li qed naraw tnaqqis konsistenti fil-perċentwal ta' dawk li jsegwu l-portals tal-gazzetti onlajn. Min-naħa l-oħra, matul dawn l-aħħar tliet snin rajna żieda fost dawk li qalu li jsegwu l-aħbarijiet permezz tal-links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook.

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta printjata | 3.2% | 5.6% | 3.5% | 3.9% | 3.8% | 1.6% |
| Gazzetti onlajn (portals) | 41.6% | 35.7% | 27.5% | 24.9% | 21.4% | 17.4% |
| Radju | 30.4% | 25.6% | 17.9% | 15.2% | 15.6% | 10.2% |
| TV | 58.2% | 61.0% | 56.1% | 46.5% | 47.5% | 45.8% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 72.4% | 56.2% | 36.1% | 40.1% | 43.9% | 50.1% |
| Links tal-aħbarijiet fuq TikTok | | | | | 8.7% | 10.8% |
| Links tal-aħbarijiet fuq Instagram | | *Informazzjoni ma nġabritx* | | | 15.0% | 15.4% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook/TikTok/Instagram | | | | | 7.1% | 8.8% |
| Mingħand ħaddieħor | 13.2% | 3.0% | 2.4% | 5.7% | 1.7% | 3.7% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 0.6% | 5.7% | 6.3% | 10.7% | 8.0% | 9.1% |

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta printjata | 0.0% | 0.8% | 1.6% | 0.5% | 2.6% | 3.2% |
| Gazzetti onlajn (portals) | 25.0% | 28.3% | 17.8% | 15.9% | 10.8% | 9.3% |
| Radju | 2.0% | 2.4% | 4.3% | 9.3% | 16.0% | 22.4% |
| TV | 32.4% | 24.4% | 34.5% | 44.0% | 54.1% | 75.0% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 68.2% | 65.4% | 62.4% | 50.0% | 42.3% | 24.0% |
| Links tal-aħbarijiet fuq TikTok | 52.0% | 8.3% | 8.5% | 6.6% | 6.2% | 0.3% |
| Links tal-aħbarijiet fuq Instagram | 63.5% | 20.5% | 13.6% | 8.2% | 5.2% | 0.3% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook/TikTok/Instagram | 28.4% | 7.5% | 11.6% | 5.5% | 4.6% | 2.9% |
| Mingħand ħaddieħor | 16.2% | 0.8% | 3.1% | 1.6% | 2.1% | 2.9% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 3.4% | 7.9% | 7.4% | 11.0% | 15.5% | 9.3% |

L-istat tan-nazzjon

# L-avvenimenti li jseħħu barra għadhom jaffettwaw lil Malta?

Il-maġġoranza assoluta tal-Maltin (76.7%) jaħsbu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna ħafna aktar minn dawk li seħħew għaxar snin ilu. Din is-sena ġie rreġistrat l-inqas perċentwal ta' nies li qalu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna aktar, filwaqt li fl-istess ħin qed naraw żieda fost dawk li qalu li dawn l-avvenimenti qed jaffettwawna bl-istess mod.




L-istat tan-nazzjon

# L-aktar midja soċjali użata

Facebook jibqa' popolari fost il-gruppi kollha tal-età, għalkemm l-użu jonqos mal-età. Instagram (98.0%) u TikTok (89.1%) huma partikolarment popolari fost dawk ta' bejn is-16 u l-25 sena. Fl-istess grupp ta' età, 91.2% jużaw ukoll Facebook. B'hekk, kważi dawk kollha ta' bejn is-16 u l-25 sena, kif ukoll l-istudenti, jużaw it-tliet mezzi l-aktar popolari tal-midja soċjali.

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Facebook | 91.2% | 94.9% | 90.2% | 84.4% | 78.8% | 57.4% |
| TikTok | 89.1% | 45.7% | 34.4% | 38.0% | 29.5% | 15.2% |
| Instagram | 98.0% | 82.3% | 51.2% | 30.2% | 28.5% | 8.1% |
| LinkedIn | 29.3% | 44.9% | 16.4% | 8.4% | 8.8% | 1.0% |
| Twitter/X | 32.0% | 11.8% | 7.0% | 4.5% | 5.2% | 1.6% |
| L-ebda minnhom | 0.0% | 1.6% | 6.6% | 7.8% | 17.1% | 41.9% |



# Sezzjoni 8: Il-komunikazzjoni

# Il-komunikazzjoni mal-familjari

- Aktar minn wieħed u sebgħin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma l-aktar li jikkomunikaw mal-familjari huwa wiċċ imb wiċċ (71.1%). Ir-riżultati huma simili għas-snin preċedenti.
- Dawk li għandhom it-tfal taħt is-16-il sena huma l-aktar li qalu li jikkomunikaw mal-familjari permezz tal-midja soċjali (14.7% vs. 8.6%).




L-istat tan-nazzjon

# Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

Il-maġġoranza qalet li l-aktar mod li bih tikkomunika mal-ħbieb huwa wiċċ imb wiċċ (41.4%). Filwaqt li 38.3% tan-nies qalu li jitkellmu mal-ħbieb l-aktar permezz tal-midja soċjali u sms. Huma 20.2% tan-nies li qalu li huma jċemplu lill-ħbieb tagħhom. Din is-sena qed naraw żieda ta' 4% fost dawk li jużaw il-midja soċjali biex jikkomunikaw mal-ħbieb tagħhom. Aktar minn ħamsa u ħamsin fil-mija ta' dawk bejn 26 u 35 sena jikkomunikaw mal-ħbieb tagħhom permezz tal-midja soċjali u SMS (55.1%).




L-istat tan-nazzjon

# Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

Skont l-età: Inti tikkomunika mal-ħbieb l-aktar




Skont il-livell tal-edukazzjoni: Inti tikkomunika mal-ħbieb l-aktar



# Diskussjoni dwar il-ġrajjiet kurrenti

Ftit iktar minn ħamsa u sittin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma jiddiskutu dak li hu għaddej fil-pajjiż ma' ħaddieħor wiċċ imb wiċċ (65.3%). Qed naraw li l-komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ qed tonqos minn sena għal oħra u n-nies iħossuhom aktar komdi jitkellmu permezz tat-teknoloġija.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9: L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '4')

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| – Ġustizzja | 1.44 | 1.95 | 1.75 | 1.81 | 1.87 | 1.84 | – l-aktar importanti |
| – Libertà | 2.55 | 2.49 | 2.71 | 2.53 | 2.55 | 2.70 | |
| – Ugwaljanza | 2.96 | 2.53 | 2.65 | 2.56 | 2.55 | 2.65 | |
| – Solidarjetà | 3.01 | 2.98 | 2.90 | 3.10 | 3.03 | 2.81 | – l-inqas importanti |

- L-aktar importanti għan-nies hija l-ġustizzja, filwaqt li l-inqas importanti hi s-solidarjetà. Dan huwa riżultat simili ħafna għal dak tas-sena li għaddiet. Ir-riżultat baqa' kostanti matul is-snin.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 10: Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek?

# Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek?

Meta ġew mistoqsija kemm huma lesti li jafdaw persuna Maltija bħalhom (fejn 1 - Ma nafda lil ħadd, 5 - Nafda lil kulħadd), l-aktar risposta komuni kienet "3 - Newtrali". Il-medja hija ta' 2.98.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

# L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn l-affarijiet/avvenimenti kulturali Maltin (l-aktar importanti ‘1’ u l-inqas importanti ‘5’):

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| – Ikel tradizzjonali Malti | 2.42 | 2.75 | 2.63 | 2.65 | 2.68 | 2.52 | – l-aktar importanti |
| – Il-festi tal-irħula u l-ibliet | 2.53 | 2.46 | 2.47 | 2.50 | 2.52 | 2.52 | – l-aktar importanti |
| – Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | 2.70 | 2.72 | 2.67 | 2.52 | 2.52 | 2.82 | |
| – Arti u mużika Maltija | 2.87 | 3.34 | 3.22 | 3.55 | 3.53 | 3.34 | |
| – Il-Karnival | 4.47 | 3.66 | 4.01 | 3.78 | 3.75 | 3.79 | – l-inqas importanti |

- L-aktar importanti għan-nies huma l-festi tal-irħula u l-ibliet, kif ukoll l-ikel tradizzjonali Malti filwaqt li l-inqas importanti hu l-Karnival.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12: Il-multikulturaliżmu u x-xogħlijiet

L-istat
tan-nazzjon

# Il-multikulturaliżmu u x-xogħlijiet

Is-sitwazzjoni baqgħet konsistenti meta mqabbla mas-sena l-oħra meta lin-nies staqsejniehom "Inti komdu bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna? (1 - Ma jien komdu xejn u 5 - Komdu ħafna)". Il-medja hija ta' 2.75. L-influss ta' barranin matul l-aħħar snin jista' jwassal għall-fatt li numru kbir ta' Maltin ma jħossuhomx komdi bil-multikulturaliżmu. Iż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 25 sena huma l-inqas li qed iħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta' 2.41).




L-istat tan-nazzjon

# Il-multikulturaliżmu u x-xogħlijiet

Ftit aktar minn tmienja u ħamsin fil-mija tal-Maltin jaqblu li nġibu l-barranin għal ċerti xogħlijiet li ma jridux jagħmlu l-Maltin (53.2%). Ftit inqas min tmienja u tletin fil-mija ma jaqblux li nġibu l-barranin (37.8%) filwaqt li 8.9% wieġbu li ma jafux. Din is-sena rajna tnaqqis fost dawk li huma miftuħa għall-idea li barranin jagħmlu xogħlijiet li l-Maltin ma jkunux jixtieqi jagħmlu.




L-istat tan-nazzjon

# Il-multikulturaliżmu u x-xogħlijiet




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: Ir-rispett u l-valuri

# Ir-rispett u l-valuri

Il-maġġoranza tan-nies qalet li r-rispett u l-valuri li tħaddan persuna qegħdin jiġu mgħallma l-aktar mill-familja (56.0%). Filwaqt li 38.5% tan-nies qalu li dawn qed jiġu mgħallma kemm mill-familja kif ukoll mill-iskola, kienu biss 5.6% tan-nies li qalu li l-valuri jiġu mgħallma mill-iskola biss.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Inċentivi biex koppji jkollhom it-tfal

# Inċentivi biex koppji jkollhom it-tfal

- Numru ta' pajjiżi, inkluż Malta, joffru diversi inċentivi biex koppji jkollhom it-tfal, jew iktar tfal. Il-parteċipanti f'dan l-istħarriġ ġew mistoqsija "Jekk int jew li kieku int f'pożizzjoni li jkollok it-tfal, dawn l-inċentivi jikkonvinċuk biex fil-fatt ikollok aktar tfal?". Kienu sitta u tletin fil-mija (36.0%) li wieġbu iva. Filwaqt li 47.6% tan-nies qalu li le filwaqt li 16.4% tan-nies qalu li ma jafux.

Numru ta' pajjiżi, inkluż tagħna, joffru diversi inċentivi biex koppji jkollhom it-tfal, jew iktar tfal. Jekk int jew li kieku int f'pożizzjoni li jkollok it-tfal, dawn l-inċentivi jikkonvinċuk biex fil-fatt ikollok aktar tfal?




L-istat tan-nazzjon

# Inċentivi biex koppji jkollhom it-tfal

Dawk li għandhom bejn 36 u 45 sena huma l-inqas li jaqblu ma' dawn l-inċentivi (61.7%).



# Konklużjoni

Dan huwa l-Istat tan-Nazzjon

# Il-Familja

Flimkien, ħarisna lejn dak li jiddefinixxi l-poplu Malti u dak li jinfluwenzah sabiex jifforma l-opinjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu.

Rajna kemm is-sehem tal-familja huwa importanti għall-ħajja tagħna ta' kuljum, għad-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għall-problemi li naffaċċjaw. Dan kollu nistgħu narawh b'mod konsistenti fuq numru ta' snin.

Il-ġustizzja tibqa' b'mod konsistenti wieħed mill-aktar valuri importanti għall-Maltin, u dan jidher b'mod ċar matul is-sitt snin tal-istħarriġ.

# Attitudni lejn il-Barranin

Fir-riċerka ta' din is-sena naraw li kemm inkunu miftuħin jew konservattivi fil-konfront tal-barranin jiddependi wkoll mill-età.

Fost iż-żgħażagħ jidher li hemm aktar min jarahom bħala theddida, forsi għax jibżgħu li jistgħu jiħdulhom posthom jew l-opportunitajiet tagħhom?

Min-naħa l-oħra, aktar ma tiżdied l-età, aktar jidher li n-nies jagħrfu li għandhom bżonn il-ħaddiema barranin fil-ħajja ta' kuljum, għal diversi servizzi li saru jiddependu fuqhom.

# Il-Popolazzjoni ta’ Malta

Il-popolazzjoni ta’ Malta qed tiżdied b’rata qawwija. Fl-aħħar snin, iż-żieda fil-popolazzjoni kienet dejjem aktar marbuta mal-influss ta’ persuni barranin. Fl-istess waqt il-Maltin qed jagħżlu li jkollhom inqas tfal.




L-istat tan-nazzjon

# Il-Multikulturalismu

Madankollu, qed tikber ir-reżistenza għat-taħlit tal-kulturi. 38% ma jaqblux li għandna bżonn ħaddiema barranin biex jagħmlu xogħlijiet li l-Maltin ma jixtiqux jagħmlu.







L-istat tan-nazzjon

# L-Impatt tal-Barranin

Malta saret dipendenti fuq il-ħaddiema barranin. Settur wara l-ieħor, ammont sostanzjali ta' ħaddiema huma barranin, fosthom:

- Catering
- Djar tal-anzjani
- Nurses
- Ġbir tal-iskart
- Kostruzzjoni
- U ħafna setturi oħra.

Kieku dawn il-ħaddiema kellhom jitilqu għada, l-ekonomija tal-pajjiż tikkrolla.

L-istat tan-nazzjon

# L-Isfida Prinċipali

## L-integrazzjoni verament possibbli li sseħħ?

Anke jekk irridu, mhuwiex faċli li tinkiseb, għaliex il-maġġoranza tal-barranin stess ma jarawx lil pajjiżna bħala darhom. Il-barranin ukoll qed jagħrfu li hawn ħafna Maltin li ma jixtiquhomx hawn. Għalhekk, ħafna minnhom jibqgħu Malta biss sakemm ikun jaqblilhom jew sakemm ikollhom bżonn.

F'rapport tal-Bank Ċentrali ta' Malta tal-2025 ħareġ li: *Iċ-ċifri qed jgħidulna li Malta saret dejjem aktar dipendenti fuq il-ħaddiema barranin, iżda ħafna minn dawn il-ħaddiema mhux qed jibqgħu f'pajjiżna għal żmien twil.* ***Kważi wieħed minn kull tliet ħaddiema barranin jitlaq minn Malta fl-ewwel sena, u madwar nofshom jitilqu fi żmien tliet snin. Fil-fatt, il-medja taż-żmien li jdumu Malta huwa ta' tliet snin biss.***

L-istat tan-nazzjon

# Ġenerazzjonijiet Differenti

Rajna wkoll varjazzjonijiet ċari bejn ġenerazzjonijiet differenti. Iż-żgħażagħ u l-anzjani għandhom viżjonijiet differenti dwar diversi aspetti u temi.

| | *50 sena differenza fost il-Maltin* | | |
|---|---|---|---|
| **Aspett** | **16–25** | **66+** | **Differenza / interpretazzjoni** |
| **Jippjanaw ħajjithom** | 60.7% | 27.4% | +33.3 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Jemmnu li fi żmien sena se jkunu qed jgħixu aħjar** | 66.7% | 37.6% | +29.1 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom hija aħjar minn sena ilu** | 56.2% | 48.6% | +7.6 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Huma kuntenti b'ħajjithom** | 60.7% | 67.5% | +6.8 pp fost l-**anzjani** |
| **Jemmnu f'Alla** | 77.3% | 98.4% | +21.1 pp fost l-**anzjani** |
| **Ir-reliġjon hija importanti ħafna** | 35.4% | 77.7% | +42.3 pp fost l-**anzjani** |
| **Ir-reliġjon tinfluwenza ħafna d-deċiżjonijiet f'ħajjithom** | 22.4% | 61.1% | +38.7 pp fost l-**anzjani** |

**pp = punti perċentwali.**

L-istat tan-nazzjon

# Il-Politika u l-Identità

*50 sena differenza fost il-Maltin*

| | 16–25 | 66+ | |
|---|---|---|---|
| **Il-politika hija importanti ħafna għalihom** | 21.3% | 37.3% | +15.9 pp fost l-**anzjani** |
| **Jikkunsidraw l-opinjoni tal-partit politiku tagħhom** | 20.7% | 45.7% | +25.0 pp fost l-**anzjani** |
| **Jikkunsidraw li fil-futur jivvutaw għal partit differenti** | 38.0% | 28.2% | +9.8 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Iż-żgħażagħ kollha fuq TikTok, Facebook jew Instagram** | 100.0% | 58.1% | +41.9 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Jikkomunikaw mal-ħbieb l-aktar wiċċ imb wiċċ** | 41.5% | 55.6% | +14.1 pp fost l-**anzjani** |
| **Jidentifikaw ruħhom l-aktar ma' "il-Maltin kollha"** | 60.0% | 45.8% | +14.2 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Kienu jippreferu li twieldu/trabbew f'pajjiż ieħor** | 33.3% | 13.7% | +19.6 pp fost iż-**żgħażagħ** |
| **Il-ħaddiema barranin huma soluzzjoni għal xogħlijiet li l-Maltin ma jridux jagħmlu** | 42.9% | 62.4% | +19.5 pp fost l-**anzjani** |

**pp = punti perċentwali.**

L-istat tan-nazzjon

# Iż-Żgħażagħ

Il-ħsieb taż-żgħażagħ jimraħ u jinbidel b'mod mgħaġġel, u jidher ċar li jinsabu fi stadju ta' ħajjithom fejn, fuq diversi aspetti, għadhom qed ifittxu t-tweġibiet tagħhom. Dan rajnieh, fost l-oħrajn, fil-mod kif jaħsbuha dwar il-barranin. Minn fost dawk li s-sena l-oħra kienu l-aktar miftuħin għall-barranin, fi żmien sena saru fost l-aktar imħassbin dwar l-impatt tat-taħlit ta' kulturi differenti fuq il-kultura tagħna.

X'qegħdin jesperjenzaw iż-żgħażagħ li forsi mhux qed jesperjenzaw bl-istess mod gruppi ta' etajiet oħra? Qegħdin jesperjenzaw realtajiet differenti f'postijiet ta' divertiment jew fil-ħajja tagħhom ta' kuljum?

L-istat tan-nazzjon

# Il-Midja Soċjali

Fuq il-midja soċjali, iż-żgħażagħ qegħdin kontinwament jiġu esposti għal ammont enormi ta’ informazzjoni. Informazzjoni mgħaġġla, qasira, ta’ ftit sekondi biss, iżda li jqattgħu ħafna ħin esposti għaliha u li hija faċilment aċċessibbli.

Biċċiet ta’ informazzjoni li mhux dejjem ikunu korretti. Videos foloz. Ritratti foloz. Reel wara l-ieħor. X’se jaqbdu jemmnu? U dan kollu, ħafna drabi, mingħajr biżżejjed ħin biex wieħed jieqaf, jaħseb, jgħaqqad l-informazzjoni u jibni sens kritiku b’saħħtu.

# Il-Futur taż-Żgħażagħ

Fl-istess waqt, qed naraw ġenerazzjoni lesta li tisfida dak li għal ġenerazzjonijiet oħra jista' jidher normali jew stabbilit. Ġenerazzjoni li tippjana aktar għall-futur u li mhux neċessarjament taċċetta dak li sabet quddiemha.

Huma proprju dawn iż-żgħażagħ li, fis-snin li ġejjin, se jkunu qed jiddeċiedu fejn irid imur dan il-pajjiż għażiż tagħna.

# Il-Futur ta' Malta

Illum ħarisna lejn żewġ ġenerazzjonijiet b'50 sena differenza bejniethom, u l-istatistika wrietna diskrepanzi ċari f'diversi aspetti tal-ħajja.

Imma sa 50 sena oħra, fejn se jkun dan il-pajjiż? X'Malta se nkunu bnejna? U fejn irridu nieħduh dan il-pajjiż?

Issa li smajna dan kollu, id-diskussjoni tista' tibda.

L-istat tan-nazzjon



# *L-istat* tan-nazzjon

Konferenza Nazzjonali
Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru 2026
Palazz Sant'Anton

*L-istat* tan-nazzjon